MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 426/2013

**Charmaine Fenech Montfort ID183876M**

**vs**

**Jason Farrugia ID 340574M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attrici qed titlob li l-Konvenut jigi kundannat iroddilha lura s-somma ta' elfejn, seba' mija, tlieta u erbghin Ewro (€2,743.00c) li tirraprezenta self *brevi manu* maghmul lilu.

B'RISPOSTA cahad li sarlu xi self kif qalet l-Attrici.

II PROVI

1. Hawnhekk jingiebu siltiet biss mill-provi li izda ghandhom jitqiesu ma dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process.

2. L-**Attrici** bdiet ix-xhieda b'affidavit (fol 8-12) u qalet li hi u l-Konvenut (membru tal-Korp tal-Pulizija) kellhom relazzjoni ta' mhabba u kienu jiltaqghu

regolarment u kien jitlobha l-flus. Hawn wiehed jiriferi dritt ghall-affidavit li fih ghadd ta' dettalji. Fost affarijiet ohra gieli qalilha li l-paga kien ta kollha lil martu Paulette u ma kienx fadallu biex jiekol. Meta bdiet toqghod lura fl-ghoti ta' flus kien ikun arrogant maghha imma hi kienet thobbu. Gieli hargu flimkien hi ma zewgha u wliedha u hu ma martu u bintu.

3. Hi riedet li l-Konvenut jghid bir-relazzjoni taghhom ma zewgha u martu. Tatu flus anke biex imur Sqallija ma shabu u gieli hallietlu flus fl-ghassa tal-Marsa. Ghaddiet imbaghad biex tat dettalji ta' flus li ghaddietlu dana b'dokumenti bankarji - Dok CG1 sa 17 (ara *fol* 11-12) kif ukoll fol 153 b'dettalji li jwasslu ghall-*quantum* ta' €2,548.15c

4. Qalet li hi saret taf lill-Konvenut peress li tahdem bhala Executive Officer fis-Social Services tal-Marsa u hu kien jaghmel *overtime* bhala Ghassa hemmhekk. Beda jkellimha f'Gunju 2012 u kien jghidilha li kellu problema mal-mara u hi kienet ukoll imdejjqa ma zewgha. Hawn bdiet ir-relazzjoni ta' bejniethom u wara tliet xhur beda t-talb ghall-flus. Hi accettat, bil-patt li jtihomlha lura mill-paga ta' wara. Avvolja ma kienx jasal, billi kienet thobbu baqghet ittih il-flus.

5. Maz-zmien bdiet tinduna li hu kien qed juzaha ghall-flus. Qaltlu li kienet ser tieqaf ittih flus u li kien wasal il-waqt li z-zewg familji jkunu jafu bir-relazzjoni. Kienet hallietlu €100 fl-Ghassa tal-Marsa izda billi hadha bil-herra, regghet hasbitha u gabret lura l-flus mill-Ghassa tal-Marsa u qalet il-verita kollha lil zewgha u lil mart il-Konvenut. Spiccat tghid: <u>illum il-gurnata inhoss rabja kbira lejh ghaliex inhoss li jien kont moghmija bl-imhabba ghalih u hu kien uzani biss ghall-flus</u> (ara Dok ABC, fol 161).

6. **<u>Charmaine Galea Triganza</u>**, ufficjal mal-GO plc xehdet dwar *credit transfers* bejn il-kontendenti (ara *fol* 35).

7. **<u>Romwald Attard</u>**, Senior Manager fil-Legal Office tal-BOV rrifera ghall "credit card visa classic" f'isem il-Konvenut u ta dettalji li wiehed isibhom fix-xhieda tieghu riprodotta *a fol* 36/37.

8. **<u>PS 158 Sando Magri</u>**, qal li kien jaf lill-Attrici permezz tal-Konvennut (kollega tieghu) u ltaqghu xi drabi, anke mar-ragel tal-Attrici. Darba marru *week-end break* f'lukanda fil-Qawra. Kienu pulizija tax-xift tieghu u l-Attrici u l-familja.

9. **<u>PC 986 Paul Spiteri</u>**, qal li kien jaf lil Konvenut fil-Korp u semma li l-Konvenut gieli hallielu xi flus biex ihallaslu l-visa.

10. **<u>Il-Konvenut</u>** fix-xhieda tieghu (ara *fol* 159/160) qal li l-Attrici kienet tghaddilu *credit* bla ma jitlobha. Gieli kien itiha *cash* u mbaghad mill-*account* taghha tghaddi ghal tieghu, ghax hu ma kienx ihobb kjuwijiet fil-bank. Kienet toffri hi li jsir dan. Xehed ukoll dwar il-hbiberija bejn iz-zewg familji, fuq inizjattiva

tal-Attrici. Cahad uhud mill-ammonti ta' flus mghoddija jew imhallsa milli semmiet l-Attrici.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL josserva mill-ewwel li hawn ghandu quddiemu kas ta' delikatezza kbira ghax ghalkemm mad-daqqa t'ghajn *si tratta* minn "money claim" din ghandha sfond partikulari hafna ta' sentimenti umani. It-TRIBUNAL irid iqis kull kelma li titnizzel hawn, ghax qed imidd riglejh f'terren delikat hafna. F'dan kollu hu tajjeb li l-provi kollha ngabru mit-TRIBUNAL kif presedut u ghalhekk wiehed sata mhux biss jaqra u jisma imma wkoll "josserva" dak kollu li zvolga ruhu quddiemu.

2. L-Attrici stqarret, bla ebda tlaqlieq "jien naf lil Jason minhabba li kellna relazzjoni bejnietna. Jason u jiena konna niltaqghu regolarment". Tenniet aktar minn darba li hi kellha mhabba kbira lejh. Din kienet reciprokata? Naraw.

3. Hi kienet uffijcal fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjli u hu memebru fil-Korp tal-Pulizija u ltaqghu fuq xoghol. Hi mizzewwga bil-familja u hu l-istess. Waslu biex ressqu liz-zewg familji lejn xulxin. Beda biex talabha l-flus u hi bdiet biex "silfitu" l-ewwel ftit li kellu jtihomlha lura meta jricievi l-paga u dan ma sarx. Qabdu dil-kantaliena: hi tipproklama l-imhabba taghha lejh u allura tkompli tghaddilu l-flus sahansitra bi trasferimenti bejn *credit cards*.

4. It-TRIBUNAL jemmen lilha li tassew ghaddietlu l-ammonti li semmiet u li hi elenkat b'certa kura. Imma ma jemminx li dan kien semplici "self" li jistenna r-radd lura ta' dak misluf. Kien self li jsib is-soddisfazzjon tieghu fir-relazzjoni li ssemmiet u mhux il-kaz li hawn it-TRIBUNAL jidhol f'xi dettalji. Dana ghall-gid ta' kulhadd.

5. Dan hu kaz ghal kollox "sui generis" fejn l-Attrici kienet kuntenta tohrog il-flus "ghall-imhabba". Hu kaz fejn japplika dak li jghid il-Malti: merqthom u ftiethom. Mhux il-kaz li l-Attrici (bniedma edukata u tal-affari taghha titlob lura flus mahruga minhabba infatwazzjoni ta' mhabba. Il-Konvenut sata jidher li approfitta ruhu mis-sitwazzjoni izda l-Attrici ghamlet kollox b'ghajnejha miftuha u allura ghal dak li rrizulta *imputet se ipse*.

## IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Konvent (2) **jichad** it-Talba Attrici u (3) fic-cirkostanzi **jordna** u **jiddeciedi** li dwar spejjes tal-kawza dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------